# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 491/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Paolo D'Arrigo**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Paolo D'Arrigo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 23223A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, matul ix-xahar ta' Awwissu, 2012 u/jew fix-xhur ta' wara, naqas Ii jipproduci dokumentazzjoni, kotba, dokumenti u/jew kontijiet, wara li gie mitlub sabiex jaghmel dan permezz ta' korrispondenza datata 27 ta' Awwissu, 2012, 02 ta' Ottubru 2012, 23 ta'

Jannar 2013 u 12 ta' Marzu 2013, rispettivament mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi u/jew minn rapprezentant tieghu sabiex jaghmel dan. u dan bi ksur ta' artikoli 53 (b) u 76(d) u 81 ta' 1-istess Att;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m' ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta' hames ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' 1-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900). Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hames Euro (€5.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta' l-appellant Paolo D'Arrigo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2015, permezz ta' liema talab **ir-riforma** tas-sentenza appellata bir-revoka u **tahsir** ta' dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta' multa ta' €5 ghal kull jum li fih l-appellant jonqos milli jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Att Nru. XXIII ta' l-1998 wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tlett xhur, u bil-**konferma** taghha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell dwar dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellant kien ordnat jottempera ruhu mad-disposizzjoni tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, li jipprokura dawk id-dokumenti domandati mid-Dipartiment tal-VAT fi zmien tlett xhur bil-konsegwenza li fin-nuqqas ikun soggett ghal-multa ta' hames euro kull jum ghal kull jum ta' nuqqas;
2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-appellant kien mitlub jipprovdi lid-Dipartiment tal-VAT dokumentazzjoni mis-sena 2012 lura ghas-sena 2006 sabiex id-Dipartiment jaghmel verifika tieghu dwar id-denunzji tal-VAT minnu sottomessi. Wara diversi talbiet, l-appellant informa lid-Dipartiment illi kien fl-impossibilita' li jipprovdi dawn id-dokumenti ghaliex f'dak iz-zmien kien afflitt minn problemi familjari tali li wassluh ghal-stat dipressiv;
3. Mid-deposizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni jemergi illi dak li d-Dipartiment irid minghand l-appellant huma dokumenti konsistenti f'ricevuti ta' xiri u bejgh, spejjez u introjti sabiex dawn jitqabblu mad-denunzji provduti u ffirmati mill-istess appellant. L-appellant xehed illi minkejja dawn il-problemi u l-istat mediku tieghu li dwaru kien taht kura, xorta wahda kien jiggestixxi in-negozju tieghu ossia restaurant izda ma kienx jaf x'qed jaghmel tant li lanqas kien

jafda lilu nniffsu. Lanqas jiftakar min kien jaghmel il-kontijiet u jzomm ir-records tan-negozju. Xehedet ukoll is-siehba tal-appellant li kkonfermat dan kollu u li dan ir-restaurant llum ma ghadux f'idejhom u ghamlet minn kollox biex tintracca d-dokumenti izda bla ebda success. L-appellant ghalhekk jghid illi llum il-gurnata huwa fl-impossibilita' li jottempera ruhu;

4. Issa, l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li f'kaz ta' htija u ghalhekk b'zieda mal-piena, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti "ghandha, fir-rigward ta' reat skont il-paragrafu (c), tordnalha biex tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista' taghmel dan, izda f'kull kaz mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jaghmel ir-reat ikollu jhallas multa ohra ta' hames ewro (€5) ghal kull gurnata li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien moghti mill-qorti:" Il-paragrafu (c) jirreferi ghan-nuqqas ta' persuna "milli taghmel denunzja ta' taxxa meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta' dan l-Att". Dak li bih huwa imputat l-appellant, izda, hu ipotizzat fil-paragrafi (b) u (d) li jaghmel reat in-nuqqas ta' persuna "milli zzomm jew taghti kull dokumentazzjoni, dokument u kontijiet ghaz-zmien u bil-mod mehtieg b'dan l-att jew b'kull regolament maghmul bis-sahha tieghu", u " milli taghmel denunzja addizjonali, dikjarazzjoni jew taghti tgharif jew li ggib kotba, dokumentazzjoni, dokument u kontijiet … meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta' dan l-Att jew kull regolament maghmul bis-sahha ta' dan l-Att";

5. Huwa car ghalhekk illi il-multa giornaliera ravizzata fl-artikolu 76 hija imponibbli biss fir-rigward ta' sejbien ta' htija dwar il-paragrafu (c). Ix-xhud tad-Dipartiment ghamlitha cara illi kwantu denunzji, l-appellant huwa pjenament in regola u dejjem dahlu fil-hin. Ghalhekk ma tistax tifhem din il-Qorti kif il-prosekuzzjoni setghet qatt

titlob li tkun imposta fuq l-imputat appellant il-multa addizzjonali ta' €5 ghal kull jum li fih jonqos milli jottempera ruhu;

6. L-appellant ghalhekk ghandu ragun anke jekk ghal raguni diversa minn dik minnu mqanqla.

7. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun akkolt u din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal-multa ta' €900. Thassarha, izda, f'dik il-parti li biha ordnatlu jottempera ruhu mal-ligi b'imposizzjoni ta' multa ta' €5 kull jum ghal-kull jum ta' nuqqas.